MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Numru. 384/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Krystle Antoinette Refalo mart Frank u bint Paul u Helen nee' Xerri,**
**imwielda fit-13 ta' Marzu, 1981 u residenti Falt 5, Barbarella Flats, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, detentrici**
**tal-karta tal-identita' numru 387395(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Krystle Antoinette Refalo li giet akkuzata talli bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja li tippermetti t-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet skond l-artikolu 15(1) tal-Avviz Legali 128 tal-2002, nhar l-01.04.2007 ghal habta tas-2:30p.m.

bhala persuna responsabbli mit-tmexxija tal-fond “Il-Misrah Bar” jew kif inhu maghruf bhala “Aztec” Pjazza Vittorja, Xaghra, Ghawdex poggiet jew ippermettiet li jitpoggew imwejjed u siggijiet barra l-ispazju permess mil-licenzja, u dan bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzji tal-istabbiliment “Il-Misrah Bar” skond l-Artikolu 23 (1) tal-Avviz Legali 128 tal-2002 kif sussegwentement emendat u bi ksur tal-artikolu 43(1)(b) tal-kap 409;

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Billi jirrizulta illi l-imputata kienet il-persuna responsabbli li qeghdet l-imwejjed u siggijiet bi ksur tal-licenzja;

Wara li rat l-Avviz Legali 128 tal-2002 Art 23(1) u l-Avviz Legali 409 tal-2004;

Issibha hatja u tikkundanaha ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsin Lira Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------